MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2708/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta assikuratrici CGU Insurance kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Victoria Simic u l-istess Victoria Simic**

**Vs**

**Lugarda Dalli**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' mija u seba' u ghoxrin lira Malitja u erbatax-il centezmu (Lm127.14), in kwantu ghal Lm77.14 lis-socjeta attrici assikuratrici u Lm50 lill-attrici Victoria Simic Saliba, danni li sofrew l-atturi meta l-konvenuta waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru GAF 654 fil-24 ta' Settembru 2001 gewwa l-Gudja habtet mal-vettura numru AAI 907 propjeta ta' Victoria Simic Saliba.

Ra r-risposta li permezz tieghu l-konvenuta kkontestat it-talba tal-atturi.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-incident sehh fi Triq il-Hofra. It-Tribunal zamm access u kellu l-opportunita jaghmel il-kostatazzjonijiet opportuni.

2. Mill-provi rrizulta li fil-hin ta' l-incident:-

[a] il-konvenuta [vettura Ford Escort numru GAF 654] kienet qeghda tirriversja lura fi Vjal it-Torri, Gudja.

[b] l-attrici kienet qeghda taqsam Vjal it-Torri, Gudja billi kisret fuq il-lemin taghha.

3. Skond il-Highway Code:- *"Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or **any obstruction**, in the **blind area behind you**….."*.

4. Mill-iskizz li gie ppreparat mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz [fol. 6], jirrizulta bic-cjar li l-manuvra li ghamlet l-attrici kienet wahda li biha qasmet minn fuq il-linja kontinwa li hemm f'nofs Vjal it-Torri sabiex tihdol ghal gewwa Triq il-Hofra. Dan minflok li kisret f'dik il-parti ta' Vjal it-Torri fejn hemm il-linji interrotti. Manuvra li qeghdet lill-konvenuta f'posizzjoni li ma setatx tara l-vettura ta' l-attrici [li giet minn fuq il-lemin taghha] jekk mhux fil-hin li sehh l-incident. Wiehed irid isemmi wkoll kif l-attrici qablet ma' l-iskizz li jinsab a fol. 6 tal-process.

5. Fic-cirkostanzi t-Tribunal m’huwiex tal-fehma li s-sewqan tal-konvenuta kien il-kawza prossima ta’ l-incident.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

--------------------------------TMIEM--------------------------------